**125. Il-Ministru tal-Politika Socjali l-Onor. Louis Galea jipproponi:**

"Billi bl-artikolu 21 tal-Att tal-1949 dwar id-Djar l-imsemmi Att kien limitat biex jispiċċa fit-12 ta' Frar 1951, sentejn wara li ġie mgħoddi, kemm-il darba ma jitkompliex fis-seħħ skont dan l-artikolu;

U billi l-imsemmi Att qed ikompli fis-seħħ sat-12 ta' Frar 1989;

U billi hemm maħsub f'dak l-artikolu illi jekk tgħaddi Riżoluzzjoni mill-Kamra tad-Deputati illi l-imsemmi Att għandu jitkompla fis-seħħ għal żmien ieħor li ma jkunx aktar minn tliet snin miż-żmien li fih kieku jispiċċa, dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor.

U billi huwa xieraq fl- interess pubbliku illi dak l-Att għandu jibqa' fis- seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin;

Issa, għalhekk jiġi riżolut u qiegħed b'dan jiġi riżolut, illi l-Att tal-1949 dwar id-Djar għandu jkompli fis-seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin sat-12 ta' Frar 1992."

13.01.1989